# Mistagoġija tal-Quddiesa fil-Ħdud tal-Għid

Il-mistagoġija hija mod kif in-Nisrani jiddaħħal iktar 'il ġew fil-misteru ċċelebrat; fost l-oħrajn ifisser li wieħed ikun megħjun jagħraf fis-sinjali tal-Liturġija l-preżenza ħajja ta' Kristu u l-għemil tiegħu li jsalva.

Ngħidu aħna, biex il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika jfisser aħjar is-Sagrament tal-Magħmudija, jaddotta l-metodu tal-mistagoġija u jfisser is-sinjali, il-ġesti u s-simboli li jintużaw fir-rit liturġiku, b'konvinzjoni li "t-tifsir u l-grazzja tas-sagrament tal-Magħmudija jidhru b'mod l-aktar ċar fir-riti taċ-ċelebrazzjoni" (n. 1234).

Dak li jingħad dwar ir-Rit tal-Magħmudija, jista' jiġi applikat ukoll għall-Quddiesa: "L-Insara jaslu biex jaraw l-għana kollu mfisser u mogħti minn dan is-sagrament lill-imgħammdin ġodda, jekk jieħdu sehem attiv fiċ-ċelebrazzjoni u joqogħdu attenti għall-ġesti li jsiru u għall-kliem li jingħad" (ibid.)

Bħala parti mill-Pjan Pastorali ta' din is-sena, matul il-Ħdud tal-Għid se ssir mistagoġija tal-Quddiesa. Kull wieħed mill-Ħdud, kif inhu indikat f'dan is-sussidju, is-saċerdot hu mistieden ifisser il-kliem, il-ġesti u s-simboli ta' parti mill-Quddiesa, u jgħin lin-nies jieħdu sehem fihom mhux biss esterjorment, imma fuq kollox interjorment, hekk li s-sehem tagħhom ikun dejjem aktar veru u attiv.

L-IĠMR (Istituzzjoni Ġenerali tal-Missal Ruman) tindika li fl-omelija jsir it-tifsir ta' xi aspett mill-Qari li jkun ixxandar "jew minn test ieħor tal-Ordinarju jew tal-Proprju tal-Quddiesa tal-ġurnata; dan it-tifsir jingħata fid-dawl tal-misteru li jkun qiegħed jiġi ċċelebrat, jew skont il-bżonn pastorali tas-semmiegħa" (n. 41). Għaldaqstant, din il-mistagoġija tista' ssir fl-omelija nfisha – hija din ir-raġuni prinċipali għaliex f'dan is-sussidju hemm xi ftit indikazzjonijiet dwar kif il-Qari jista' jdawwal l-istess rit liturġiku li jkun se jiġi mfisser.

**IT-TIENI ĦADD TAL-GĦID jew il-Ħadd tal-Ħniena Divina**
27 ta' April

**Qari:** Atti 5:12-16; Salm 118; Apok 1:9-11a,12-13,17-1; Ġw 20:19-31

## Ir-Riti tal-Bidu

*Dan it-tifsir jista' jsir, jew qabel il-purċissjoni u l-kant tal-bidu, jew fil-waqt tal-omelija. Jista' jsir ukoll dritt wara t-tislima tas-saċerdot fil-bidu tal-Quddiesa. F'dan il-każ, in-nies jintalbu joqogħdu bilqiegħda.*

### 1. Id-deskrizzjoni u t-tifsir tar-riti

"Dawn ir-riti jsiru biex il-fidili miġmugħa jingħaqdu qalb waħda bejniethom u jitħejjew tajjeb ħalli jisimgħu l-Kelma ta' Alla u jiċċelebraw l-Ewkaristija kif jixraq." (IĠMR 24)

**i. Il-Purċissjoni tal-Bidu**

Il-purċissjoni li fiha s-saċerdot (jew saċerdoti, flimkien mal-abbatini) jersaq lejn l-altar tkun imsieħba mill-kant tal-ġemgħa. Il-ġemgħa tkun bilwieqfa b'sens ta' stennija u rispett lejn is-saċerdot li jkun qed jirrappreżenta lil Kristu. Is-saċerdot jimxi lejn l-altar waqt li aħna nistennew bilwieqfa hekk kif fl-ewwel jum tal-ġimgħa l-Appostli kienu ħerqana jistennew lil Ġesù jidher f'nofshom dakinhar tal-Għid filgħaxija kif ukoll tmint ijiem wara.

**ii. Tislima lill-altar**

Is-saċerdot isellem lill-altar b'bewsa b'sinjal ta' qima. L-altar jirrappreżenta lil Kristu Rxoxt, li huwa l-ġebla tax-xewka li fuqu hi mibnija l-Knisja. Is-saċerdot jagħmel din il-bewsa f'isem dawk kollha preżenti. Din il-bewsa f'isem il-ġemgħa miġbura tfakkar lill-Insara li huma magħqudin ħaġa waħda ma' Kristu Rxoxt. Is-saċerdot li jbus l-altar ifakkar lill-ġemgħa miġbura li aħna lkoll flimkien il-Ġisem Mistiku ta' Kristu ħaj.

**iii. Is-sinjal tas-Salib**

Bir-radd tas-salib nistqarru t-twemmin tagħna f'Alla l-Missier, Alla l-Iben u Alla l-Ispirtu Santu. Il-ġest li nagħmlu b'idejna l-leminija fuq moħħna, sidirna u spallejna f'forma ta' salib, ifakkarna kemm it-tbatija u l-mewt ta' Ġesù huma importanti għall-persuna kollha tagħna – ħsibijiet (moħħ), emozzjonijiet (qalb) u għemil (spallejn).

**iv. Tislima tas-saċerdot lill-poplu**

Is-saċerdot jiftaħ idejh u jsellem lill-ġemgħa bil-kelmiet: *"Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta' Alla u l-għaqda fl-Ispirtu Santu, tkun magħkom ilkoll"*, jew *"Il-grazzja u s-sliem mingħand Alla Missierna u Sidna Ġesù Kristu tkun*

*magħkom ilkoll"*, jew *"Il-Mulej magħkom"*. Għal dan il-ġemgħa twieġeb: "*U miegħek ukoll"*. B'din it-tislima, is-saċerdot ifakkar lill-ġemgħa miġbura li verament il-Mulej hu preżenti. Ġesù jgħidilna: *"Fejn tnejn jew tlieta jkunu miġbura f'ismi, hemm inkun jien f'nofshom"* (Mt 18:20). B'din it-tislima s-saċerdot irid jgħin lill-ġemgħa biex b'fidi sħiħa temmen li Ġesù hu tassew preżenti fostna.

**v. "Ħuti, ejjew nagħrfu ħtijietna biex niċċelebraw il-misteri qaddisa" – Ir-Rit Penitenzjali**

Bl-Att Penitenzjali aħna l-Insara nistqarru quddiem Alla u quddiem il-Knisja li aħna niżbaljaw *"bil-ħsieb, bil-kliem, bil-għemil u bit-tħollija tad-dmirijiet"*. Il-mument tas-skiet iservi biex ilkoll kemm aħna nagħrfu s-sitwazzjoni li qegħdin fiha, b'mod speċjali n-nuqqasijiet tagħna. Imbagħad nitolbu maħfra lil Alla permezz tal-karba *"Mulej, ħniena"*. Din it-talba tagħna turi li jiddispjaċina u li ma rridux nerġgħu naqgħu fl-iżball. It-taħbit fuq sidirna jesprimi din l-indiema u s-sogħba, u Alla li jħobbna bi mħabba u ħniena bla tarf jaħfrilna ħtijietna.

**vi. Il-"Glorja lil Alla fil-għoli tas-smewwiet"**

Il-"Glorja lil Alla" hu innu ta' tifħir lil Alla Wieħed fi Tliet Persuni. B'dan l-innu aħna rroddulu ħajr talli ħafrilna ħtijietna. Dan l-innu għandu tliet taqsimiet: fl-ewwel taqsima, infaħħru lil Alla l-Missier ta' kull setgħa; fit-tieni, nagħtu ġieħ lil Kristu, Ħaruf ta' Alla, Bin il-Missier, u nitolbuh ħniena; fit-tielet, inqimu lil Kristu li hu waħdu Qaddis, waħdu l-Mulej, waħdu l-Għoli, flimkien mal-Ispirtu s-Santu fil-glorja tal-Missier. Dan il-kant ifakkarna fil-ferħ li Kristu ġab dakinhar tat-twelid tiegħu.

**vii. Il-Kolletta – Ninġabru biex nitolbu**

Ilkoll kemm aħna niġu mistednin għat-talb mis-saċerdot, billi jistedinna u jgħidilna: *"Nitolbu"*. F'dak il-waqt aħna msejħin biex ninġabru f'pawsa ta' skiet u f'għaqda waħda mas-saċerdot, fil-preżenza ta' Alla, niftħu qalbna u nuru lil Alla x-xewqat u t-talbiet tagħna. Wara dan, is-saċerdot jagħmel talba f'isimna lkoll, u li għalhekk tissejjaħ "Kolletta". It-talba tal-Kolletta tkun tiġbor fil-qosor il-ħsieb taċ-ċelebrazzjoni; u permezz tagħha l-Knisja titlob lil Alla l-Missier bi Kristu u fl-Ispirtu s-Santu. Kif is-saċerdot waqt din it-talba jgħolli jdejh, hekk kull Nisrani hu fid-dmir li jżomm 'il fuq il-qalb tiegħu. Is-saċerdot f'dak il-waqt ikun bħal Mosè fuq l-għolja mqaddsa, li jgħolli jdejh u bit-talb jidħol quddiem Alla għall-poplu Nisrani fit-tiġrib tiegħu.

## 2. Indikazzjonijiet oħra għas-sehem interjuri u esterjuri tal-ġemgħa

*It-tħejjija minn kmieni*. Il-Quddiesa tibda minn qabel ħinha. Wieħed iħejji ruħu minn qabel għall-Quddiesa, billi:

1. jippjana l-attivitajiet tal-ġurnata tal-Ħadd u jagħżel ħin għall-Quddiesa;
2. isum minn siegħa qabel;

3. jilbes ilbies ta' festa.

*Stedina biex nidħlu fina nfusna.* Matul ir-Riti tal-Bidu, imma wkoll matul il-Quddiesa kollha, aħna mistiedna biex nidħlu fina nfusna: *"Ħuti, ejjew nagħrfu ħtijietna…"*. Fil-Quddiesa nieħdu sehem bil-persuna sħiħa tagħna: ġisem, ħsieb, sentimenti u qalb. Ir-Riti tal-Bidu u s-skiet jgħinuna biex "ninġabru", jiġifieri, niġbru l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tagħna u nsiru sħaħ, u ma nibqgħux aktar imxerrdin 'l hawn u 'l hemm.

*Is-sehem fil-kant.* Il-kant jesprimi s-sentimenti tagħna li mhux lakemm nesprimuhom bil-kliem biss. Permezz tal-kant aħna nesprimu sentiment ta' ferħ jew ta' ndiema, ta' ringrazzjament jew ta' karba. Aktar ma nkunu nafu kif qegħdin inħossuna fil-Quddiesa, aktar nistgħu nieħdu sehem b'mod sħiħ fil-kant tal-Quddiesa. Min-naħa l-oħra, il-kant innifsu hu għajnuna biex fina jitqanqlu s-sentimenti xierqa għall-Quddiesa. Anki jekk ma nkantawx, il-kant li nisimgħu, mingħajr ma rridu jġorrna bħal fuq mewġa lejn il-laqgħa tagħna ma' Ġesù.

### 3. Rabta mal-Liturġija tal-Kelma

*Is-sinjali liturġiċi.* Ġesù li jieqaf f'nofs il-Ħdax dakinhar filgħaxija u tmint ijiem wara, huwa Ġesù ħaj, preżenti fis-saċerdot u fil-ġemgħa kollha liturġika li tinġabar għall-Quddiesa kull nhar ta' Ħadd. Ġesù ħaj, preżenti qalb id-dixxipli mbeżżgħa, isellmilhom bit-tislima ta' *"Il-paċi magħkom"*. It-tislima tal-Irxoxt hija dejjem waħda mimlija mħabba u paċi.

B'mod ġenerali, fil-Liturġija, il-laqgħa ma' Kristu Rxoxt issir permezz tas-sinjali. L-Appostli jiltaqgħu ma' Ġesù meta jaraw "is-sinjali" tal-imsiemer u tal-lanza fuq idejn u ġenb Ġesù. Fl-Atti tal-Appostli, il-ġemgħa ta' dawk li jemmnu u saħansitra d-dell ta' Pietru kienu sinjal tal-preżenza u l-qawwa tal-Irxoxt. Fost is-sinjali li għandna "biex aħna nemmnu li Ġesù hu l-Messija l-Iben ta' Alla u biex bit-twemmin tagħna jkollna l-ħajja f'ismu", hemm ukoll is-sinjali liturġiċi. L-altar imqaddes huwa s-sinjal ta' Kristu Rxoxt. Is-saċerdot li jippresiedi, flimkien mal-ġemgħa ta' dawk li jemmnu, huma l-Ġisem mistiku ta' Kristu.

*L-għaqda tal-fidili f'qalb waħda.* Kif jingħad fl-IĠMR, l-għan tar-Riti tal-Bidu hu li l-fidili jingħaqdu qalb waħda bejniethom, ħaġa li tingħad fil-Qari mill-Atti tal-Appostli: "U huma lkoll qalb waħda kienu jinġabru flimkien fil-portiku ta' Salamun" (5:12-13). Anki għal Tumas jgħidulu t-Tewmi (u allura ħu xi ħadd ieħor fl-identità tiegħu) isir possibbli li jiltaqa' mal-Irxoxt biss meta kien "magħhom".

**IT-TIELET ĦADD TAL-GĦID**
4 ta' Mejju

**Qari:** Atti 5:27b-32,40b-41; Salm 30; Apok 5:11-14; Ġw 21:1-19

## Il-Liturġja tal-Kelma

*Jekk ma ssirx fl-omelija, issir wara l-Kolletta, qabel jibda l-Ewwel Qari.*

### 1. Id-deskrizzjoni u t-tifsir tar-riti

*"Il-lezzjonijiet bibliċi u l-biċċiet ta' bejniethom huma l-aqwa parti tal-Liturġija tal-Kelma. L-omelija, il-Kredu u t-Talba universali jew Talba tal-fidili, jgħinu biex il-Liturġija tal-Kelma tiftiehem aħjar u biex jagħlqu ċ-ċelebrazzjoni tagħha... Bil-qari mill-Bibbja, il-Knisja tħejji l-mejda tal-Kelma ta' Alla lil uliedha u tifthilhom quddiemhom it-teżori tal-Iskrittura mqaddsa"* (IĠMR, nn. 33-34).

**i. Ix-xandir tal-Kelma ta' Alla**

*"Il-fidi tiġi mis-smigħ"* tal-Aħbar it-Tajba (Rum 10:17). Il-misteri qaddisa, fi kliem ieħor, is-sagrifiċċju ta' Ġesù fuq is-salib u l-qawmien tiegħu li ngħixu fil-Quddiesa, jiġu mfissra lilna permezz tal-Kelma tiegħu. L-ambone, il-post li minnu tixxandar il-Kelma ta' Alla, hu sinjal tal-qabar vojt. L-akbar u l-isbaħ aħbar li qatt tista' tinstema' hi li Kristu qam mill-mewt. Meta tixxandar il-Kelma ta' Alla waqt il-Quddiesa jeħtieġ li nagħtu widen u nifthu qalbna, għax Alla nnifsu jkun qiegħed ikellimna. Niftakru li *"mhux bil-ħobż biss jgħix il-bniedem, imma b'dak kollu li joħroġ minn fomm il-Mulej"* (Dewt 8:3).

**ii. It-tweġibiet tal-ġemgħa**

Meta l-lettur itemm il-Qari bil-kliem: *"Il-Kelma tal-Mulej"*, il-ġemgħa twieġeb: *"Irroddu ħajr lil Alla"*. U wara l-Vanġelu, il-ġemgħa twieġeb: *"Tifħir lilek, Kristu"*. Is-Salm Responsorjali wkoll hu t-tweġiba tal-ġemgħa għall-Kelma ta' Alla li ġiet imxandra.

**iii. Ix-xandir tal-Vanġelu**

Il-kant tal-Hallelujah qabel il-Vanġelu huwa espressjoni ta' ferħ għax Ġesù ġej iżurna bil-Kelma tiegħu. Waqt li fl-Ewwel u fit-Tieni Qari noqogħdu bilqiegħda, fil-Vanġelu nqumu bilwieqfa b'sens ta' rispett lejn l-Kelma ta' Alla li tiġi mogħtija lilna fil-ġrajjiet u fil-kliem ta' Ġesù, li hu nnifsu hu l-istess Kelma ta' Alla. Fil-Vanġelu nqumu bilwieqfa wkoll biex nieħdu l-pożizzjoni ta' dawk li huma mqajmin, irxuxtati ma' Ġesù. Il-Mulej Ġesù għandu "l-kliem tal-ħajja ta' dejjem" (Ġw 6:68). Bilwieqfa għax-xandir tal-Vanġelu nagħmlu tliet slaleb: fuq ġbinna, fommna u sidirna. Din hi l-mixja li tagħmel il-Kelma ta' Alla: nisimgħuha b'widnejna, nifhmuha b'moħħna, tinżel f'qalbna u tgħaddi għall-opri tajba bil-

kliem u x-xhieda. Ilkoll kemm aħna nsiru nixbhu lil Marija li tilqa' l-Kelma u tiled lil Ġesù.

**iv. L-omelija, il-Kredu u t-Talbiet tal-fidili**

Permezz tal-omelija, is-saċerdot jgħinna nagħrfu kif il-Kelma ta' Alla taħdem tassew fina, u kif nistgħu nilqgħuha tassew f'ħajjitna. Il-Kredu hu l-istqarrija fil-qosor tal-fidi tagħna: *"Nemmen, Mulej, dak kollu li jogħġbok turini"*. Wara li nisimgħu l-Kelma ta' Alla u l-omelija, nindunaw li aħna nies fil-bżonn, u għalhekk inressqu t-talbiet tagħna. Fit-Talba tal-ġemgħa (jew Talbiet tal-fidili) jsir talb għall-Knisja, għad-dinja u għal dawk preżenti għall-Quddiesa. Hekk tiġi fi tmiemha l-Liturġija tal-Kelma.

## 2. Indikazzjonijiet oħra għas-sehem interjuri u esterjuri tal-ġemgħa

*Is-smigħ*. Waħda mill-isfidi l-kbar tal-bniedem hija s-smigħ ta' xulxin, u aktar u aktar ta' Alla. Biex wieħed jieħu sehem fil-Liturġija tal-Kelma, aktar minn f'mumenti oħra tal-Quddiesa, wieħed irid jisma'; jisma' anki dawk il-partijiet li jaħseb li jafhom, li ma jogħġbuhx, li ma jifhimx.

*Is-skiet*. L-attenzjoni lejn xi ħadd titlob mumenti ta' skiet, kif ukoll l-eskużjoni ta' kull ħaġa oħra li tista' tisraq dik l-attenzjoni. Is-skiet iħejjina għas-smigħ; imma jippermetti wkoll li nixtarru u niftakru dak li nkunu smajna. Fil-ħajja tagħna s-skiet spiss jiġi waħdu, kull darba li naħsbu li ser tiġri xi ħaġa importanti.

*Id-djalogu*. Il-Liturġija tal-Kelma hija djalogu; mhuwiex biss Alla li jkellimna, imma aħna li nweġbuh lura wkoll. Ir-risposti għal kull Qari, is-Salm u l-Hallelujah, il-Kredu u t-Talbiet tal-ġemgħa huma kollha risposti tagħna li nkunu għadna kif smajna lil Kristu jkellimna. Kultant, b'dawn ir-risposti nkellmu direttament lilu: *"Tifħir lilek, Kristu"*; *"Ismagħna, nitolbuk, Mulej"*.

## 3. Rabta mal-Liturġija tal-Kelma

*Il-frott tad-djalogu ma' Ġesù*. Fl-ewwel parti tar-rakkont tal-Vanġelu, Pietru jiddjaloga ma' sħabu d-dixxipli fuq l-inizjattiva li kien biħsiebu jieħu. Dik l-inizjattiva ma tagħtix il-frott mixtieq. Aktar 'il quddiem, Pietru jiddjaloga dwar l-istess inizjattiva ma' Ġesù Rxoxt; u frott dan id-djalogu, l-inizjattiva tas-sajd tirnexxi. Id-djalogu mal-Mulej, kif iċċelebrat fil-Liturġija tal-Kelma, jagħti l-possibbiltà biex il-bniedem *"jagħti l-frott fi żmienu u jirnexxi f'kulma jagħmel"* (ara Salm 1).

*L-ubbidjenza għall-Kelma ta' Alla* kienet importanti ħafna fl-ewwel komunità, tant li Pietru u l-Appostli l-oħra ma jiddejqux jgħidu lill-Qassis il-kbir li *"jeħtieġ nobdu aktar lil Alla milli l-bnedmin"*, anki jekk din l-ubbidjenza switilhom it-tbatija tas-swat u tal-mewt.

*L-istqarrija tal-fidi u tal-imħabba*. Il-frott tad-djalogu mal-Mulej, fis-silta tal-Vanġelu, ma jwassalx biss għall-qabda tal-ħut, imma fuq kollox għall-għarfien tal-Mulej u l-istqarrija

tal-fidi: *"Il-Mulej dan!"*. Aktar 'il quddiem, frott djalogu ieħor mal-Irxoxt, Pietru jagħmel ukoll stqarrija tal-imħabba tiegħu: *"Mulej, int taf kollox, inti taf li nħobbok"*. Meta l-Mulej ikellimna, ma jagħtiniex biss pariri dwar kif għandna ngħixu, imma fuq kollox jurina lilu nnifsu u kemm iħobbna. Għalhekk, min jisma' tassew lill-Mulej ikellmu, jiġġedded fil-fidi u fl-imħabba tiegħu lejn il-Mulej u lejn l-oħrajn.

**IR-RABA' ĦADD TAL-GĦID u Jum il-Vokazzjonijiet**
11 ta' Mejju

**Qari:** Atti 13:14,43-52; Salm 100; Apok 7:9,14b-17; Ġw 10:27-30

## It-Tħejjija tal-Offerti

*Jekk ma ssirx fl-omelija, issir qabel il-Purċissjoni tal-Offerti. In-nies jintalbu joqogħdu bilqiegħda.*

### 1. Id-deskrizzjoni u t-tifsir tar-riti

*"Kristu ħa l-ħobż u l-kalċi, radd il-ħajr, qasam u ta lid-dixxipli tiegħu, u qal: 'Ħudu, kulu, ixorbu; dan huwa Ġismi; dan huwa Demmi. Agħmlu dan b'tifkira tiegħi'. Għalhekk il-Knisja qassmet iċ-ċelebrazzjoni kollha tal-Liturġija Ewkaristika b'taqsimiet li jwieġbu għal dawn l-istess kelmiet u azzjonijiet ta' Kristu. Fil-fatt, (1) fit-tħejjija tal-offerti, fuq l-altar jinġiebu l-ħobż u l-inbid bl-ilma, jiġifieri l-istess elementi li Kristu ħa f'idejh; (2) fit-Talba Ewkaristika jintradd il-ħajr lil Alla għall-opra kollha tas-salvazzjoni, u l-offerti jsiru l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu; (3) il-qsim tal-Ħobża waħda juri l-għaqda tal-fidili ħaġa waħda bejniethom, u fit-tqarbin il-fidili jirċievu l-Ġisem u d-Demm tal-Mulej xorta waħda kif għamlu l-Appostli minn idejn Kristu nnifsu"* (IĠMR, n. 48).

i. **L-Offertorju**
Fil-bidu tal-Liturġija Ewkaristika (li hija t-tieni parti tal-Quddiesa), jitħejja l-altar billi jitressqu l-offerti tal-ħobż u l-inbid li aktar tard, bil-Konsagrazzjoni, isiru l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu. Flimkien ma' dawn l-offerti jitressqu offerti oħra li jservu għall-ħtiġijiet tal-Knisja u tal-foqra. Waqt il-Purċissjoni bl-offerti, isir kant għall-Offertorju. L-offerta materjali tal-għotja ta' flus u tal-ħajja bis-sabiħ u bl-ikrah, ta' kull wieħed u waħda, hi parti mill-azzjoni liturġika, hija sehem fis-Sagrifiċċju u l-offerta ta' Kristu.

ii. **L-offerta tal-Ħobż**
Is-saċerdot jieħu l-ħobż f'idejh waqt li b'idejh it-tnejn jerfgħu 'l fuq. Il-ħobż hu magħmul minn qamħ (frott tal-art) li jiġi mitħun biex isir dqiq u jiġi magħġun permezz tal-ilma (xogħol il-bniedem). Il-ħobż jirrappreżenta l-ħajja kollha tagħna l-bnedmin, dak li tagħtina l-art u dak li niksbu bil-ħidma tagħna. Bħall-ħobż, aħna wkoll ngħaddu mill-magħsar tal-umiltà u taċ-ċaħda biex niksbu s-safa li bih nogħġbu lil Alla. Meta s-saċerdot f'isimna joffri l-ħobż, li huwa l-frott tal-art, għandna niftakru li lil Alla għandna noffrulu dak kollu li tana u lilna nfusna, ir-rieda tagħna. Noffrulu wkoll it-talb tagħna, xogħolna, in-niket u l-ferħ li jkollna u ħajjitna kollha, filwaqt li nagħrfu li f'kollox niddependu minn Alla, għax hu ħalaqna u hu Sidna.

iii. **L-offerta tal-inbid**

L-inbid huwa sinjal ta' ferħ li jrid jagħtina Ġesù bil-mewt u l-qawmien tiegħu. L-inbid ifisser ukoll id-demm ta' Kristu. Il-qatriet tal-ilma mħallta mal-inbid jirrappreżentaw l-għaqda tan-natura umana ma' dik divina. Din it-taħlita tfakkarna wkoll li mill-kustat minfud ta' Kristu ħarġu demm u ilma. Kif l-inbid u l-ilma jsiru ħaġa waħda, hekk aħna għandna nkunu magħqudin ma' Kristu r-Ras tagħna.

Is-sagrifiċċju li noffru b'mod li jidher, ifisser is-sagrifiċċju spiritwali, li bih ir-ruħ toffri lilha nfisha 'l Alla. Għalhekk l-offerta tal-ħobż u l-inbid għandha tkun imsieħba mas-sagrifiċċju tagħna, saċerdoti u ġemgħa, jiġifieri s-sagrifiċċju tal-qalb umli u niedma.

iv. **Il-ħasil tal-idejn**

Is-saċerdot jaħsel idejh, waqt li jgħid: *"Naddafni, Mulej, minn ħżuniti u d-dnub tiegħi neħħili"*. Il-ħasil tal-idejn mis-saċerdot juri x-xewqa tas-safa tal-qalb biex ikun jista' jieħu sehem minn dan is-sagrifiċċju qaddis.

v. **Talba fuq l-offerti**

Waqt li lkoll inqumu bilwieqfa, is-saċerdot f'isem kulħadd jitlob 'l Alla biex ibierek u jilqa' l-offerta tagħna l-Insara. Hi talba li sservi bħala għeluq tar-rit tat-tħejjija tal-offerti u twassal għat-Talba Ewkaristika.

### 2. Indikazzjonijiet oħra għas-sehem interjuri u esterjuri tal-ġemgħa

*Il-ferħ għax Kristu għandu bżonna*. Biex isseħħ l-Ewkaristija, hemm bżonn li aħna nħejju l-ħobż u l-inbid u nġibuh fuq l-altar. Hu sabiħ li Alla, minkejja li jista' kollox, ma jridx jagħmel kollox waħdu, imma jrid li jagħmel l-opri kbar tiegħu flimkien magħna. Il-fatt li Alla 'għandu bżonna' hu raġuni għall-ferħ tagħna.

*Il-ħobż u l-inbid u l-ħajja tagħna*. Il-ħobż u l-inbid mhumiex prodotti li nsibuhom lesti fil-ħolqien; biex isiru, jinvolvu l-ħidma ta' jdejna: il-ħsieb, l-enerġija, il-ħin u anki t-tbatija tagħna. Fihom, simbolikament, hemm miġbura l-ħajja kollha tagħna. Jekk esterjorment inkunu qed inressqu l-ħobż u l-inbid lejn l-altar, jixraq li interjorment inpoġġu fuq l-altar ħajjitna kollha, kif inhi, biex mal-ħobż u l-inbid neħduha lura ttrasformta.

### 3. Rabta mal-Liturġija tal-Kelma

Fit-Tieni Qari *"kien hemm kotra kbira li ħadd ma jista' jgħoddha, minn kull ġens u tribù, minn kull poplu u lsien, weqfin quddiem it-tron u quddiem il-Ħaruf, lebsin ilbiesi twal bojod, u bil-friegħi tal-palm f'idejhom... Dawn huma dawk li ġejjin mit-taħbit il-kbir, u l-ilbiesi tagħhom ħasluhom u bajduhom fid-demm tal-Ħaruf"*. Fi kliem ieħor, dawn huma dawk li offrew il-ħajja kollha tagħhom lil Alla billi għexu bħala dixxipli ta' Ġesù. Il-

mument tal-Offertorju jfakkarna fl-offerta ta' Ġesù nnifsu għalina u jħeġġiġna biex aħna wkoll noffru lilna nfusna billi nimxu għalkollox warajh.

*Alla jieħu biex jagħti*. Fil-Vanġelu, Ġesù jgħid li hu jagħti l-ħajja ta' dejjem lin-nagħaġ tiegħu, u fit-Tieni Qari nsibu deskrizzjoni ta' dak li jagħmel Alla ma' dawk li jinsabu *"weqfin quddiem it-tron u quddiem il-Ħaruf"*. Meta nressqu l-offerta tagħna quddiem l-altar, hu veru li aħna nagħtuha lil Alla, imma dan mhux ħlief biex Alla jerġa' jagħtihielna lura ttrasformata u mgħollija 'l fuq.

**IL-ĦAMES ĦADD TAL-GĦID**
18 ta' Mejju

**Qari:** Atti 14:21b-27; Salm 145; Apok 21:1-5a; Ġw 13:31-33a,34-35

## Il-Liturġija tal-Ewkaristija

*Jekk ma ssirx fl-omelija, issir qabel il-Prefazju. In-nies jintalbu joqogħdu bilqiegħda.*

### 1. Id-deskrizzjoni u t-tifsir tar-riti

*"Is-sens ta' din it-Talba (Ewkaristika) hu li l-ġemgħa kollha tal-fidili tingħaqad ma' Kristu biex flimkien miegħu tfaħħar lil Alla għall-għemejjel kbar tiegħu u toffrilu s-sagrifiċċju"* (IĠMR, n. 54).

**i. It-Talba Ewkaristika**

Din hi l-quċċata taċ-ċelebrazzjoni kollha. Hi talba ta' radd il-ħajr lil Alla għal dak kollu li jagħmel u qed jagħmel magħna permezz ta' Ibnu. Din it-talba jgħidha s-saċerdot għax hu qed imexxi l-ġemgħa f'isem Kristu. Hu strument, intermedjarju, kemm tal-leħen ta' Alla li jkellem lill-poplu tiegħu, kemm tal-leħen tal-poplu li jitlob lil Alla. Għal din ir-raġuni din it-talba jgħidha s-saċerdot waħdu, filwaqt li l-ġemgħa miġbura tisma' fis-skiet u tieħu sehem fl-akklamazzjonijiet. It-Talba Ewkaristika fiha diversi partijiet, li flimkien ser nippruvaw infissru.

**ii. Il-Prefazju**

Is-saċerdot jibda t-Talba Ewkaristika billi jgħid lill-Insara: *"Il-Mulej magħkom"*. Jiftaħ idejh  biex juri li hu qiegħed hemm biex ikellem lil Alla u jinterċedi għall-poplu bħal Mosè. Din it-talba ta' qabel il-*"Qaddis"* tissejjaħ Prefazju, li hija talba solenni lil Alla fil-bidu tat-Talba Ewkaristika. F'isem il-poplu qaddis, is-saċerdot isebbaħ lil Alla l-Missier u jroddlu ħajr għall-għeġubijiet tal-ħolqien, tal-Inkarnazzjoni, tal-ħelsien, u mirakli oħra li jseħħu fl-istorja tagħna.

**iii. Il-Qaddis**

Wara l-Prefazju, is-saċerdot u l-ġemgħa kollha flimkien nissellfu l-kliem ta' tifħir tal-qtajja' tas-Sema u nfaħħru lil Alla billi ngħidu: *"Qaddis, Qaddis, Qaddis. Is-smewwiet u l-art mimlija bil-glorja tiegħek. Hosanna fl-ogħla tas-smewwiet. Imbierek min ġej f'isem il-Mulej"*.

**iv. L-ewwel Epiklesi – Anafora – Sejħa speċjali lill-Ispirtu Santu**

Waqt li l-ġemgħa tkun bilwieqfa jew għarkupptejha, il-Knisja b'talba speċjali ssejjaħ il-qawwa divina tal-Ispirtu s-Santu sabiex l-offerti mogħtija minna l-bnedmin jiġu kkonsagrati u jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu. Il-kelma *"epiklesi"* tfisser talba ħerqana ta' xi ħadd li jinsab fi ħtieġa kbira u li jitlob l-

għajnuna lil xi ħaddieħor iktar setgħani minnu. Fil-Quddiesa s-saċerdot isejjaħ l-Ispirtu s-Santu biex bil-qawwa tiegħu, il-ħobż u l-inbid isiru l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu. L-idejn miftuħa fuq il-ħobż u l-inbid huma sinjal tad-dell tal-Ispirtu s-Santu biex dawn isiru l-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù. Bil-ġest tat-tqegħid tal-idejn fuq l-offerti nġibu preżenti llum, inġeddu, dak li wettaq Ġesù fl-Aħħar Ċena mal-Appostli u dak li wettaq darba għal dejjem fuq il-Kalvarju għas-salvazzjoni tagħna. Din mhix rappreżentazzjoni jew reċta, iżda dak li ġara fl-Aħħar Ċena fuq il-Kalvarju jsir preżenti llum, issa, fil-Quddiesa.

v. **Ir-rakkont tal-Aħħar Ċena – Anamnesi**
Permezz tal-kelmiet u l-ġesti ta' Kristu, tiġi rrakkontata l-Aħħar Ċena li fiha l-Mulej waqqaf is-sagrament tal-Ewkaristija. Is-saċerdot jgħid il-kelmiet tal-Konsagrazzjoni fil-persuna ta' Kristu u japplikahom għall-ħobż u l-inbid li jkollu preżenti quddiemu. Bil-kelmiet qaddisa *"Dan hu Ġismi"* u *"Dan hu l-Kalċi ta' Demmi"*, il-ħobż u l-inbid fuq l-altar jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu. Ġesù jinqeda bil-persuna tas-saċerdot biex jagħmel illum, għalina nies ta' dan iż-żmien, l-istess ikla u l-istess mewt u qawmien li ġarrab hu elfejn sena ilu.

vi. **Akklamazzjoni tal-ġemgħa**
Dritt wara l-Konsagrazzjoni, aħna nqumu bilwieqfa u s-saċerdot jistqarr: *"Dan hu l-Misteru tal-fidi"*. Aħna nwieġbu b'akklamazzjoni, fi kliem ieħor nilqgħu dan il-misteru bi stqarrija ta' ferħ. Għaldaqstant, dan mhux mument ta' adorazzjoni iżda ta' akklamazzjoni. Il-pjan tas-salvazzjoni sab il-milja tiegħu fil-passjoni, il-mewt u l-qawmien ta' Ġesù. Għalhekk jiġi akklamat (ngħajtu bil-ferħ): *"Inħabbru l-mewt tiegħek, Mulej, inxandru bil-ferħ il-qawmien tiegħek, nistennewk sa ma tiġi fil-glorja"*.

vii. **It-tieni Epiklesi – Sejħa speċjali lill-Ispirtu Santu fuq il-ġemgħa**
Imbagħad is-saċerdot jerġa' jsejjaħ l-inżul tal-Ispirtu s-Santu, din id-darba biex jinżel fuqna li qed nieħdu sehem fl-Ewkaristija u fuq dawk minna li ser nieħdu sehem fit-Tqarbin, u jitolbu biex jagħmel minna lkoll ġisem wieħed u ruħ waħda.

viii. **L-interċessjonijiet**
Bit-talb li jagħmel iċ-ċelebrant, hekk imsejħa interċessjonijiet, jidher ċar li l-Quddiesa hi ċċelebrata f'għaqda mal-Knisja kollha: dik tas-Sema kif ukoll dik tal-art. Fil-fatt, nitolbu għall-Papa, għall-Isqof tagħna u l-isqfijiet kollha, għal dawk li jaqdu lil Kristu f'diversi ministeri, għall-mejtin tagħna, għall-poplu kollu, kif ukoll għad-dinja kollha.

ix. **Id-Dossoloġija**
It-Talba Ewkaristika tintemm billi s-saċerdot jerfa' l-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù u jistqarr: *"Bi Kristu, ma' Kristu, fi Kristu, jingħata lilek, Alla Missier li tista' kollox, kull ġieħ u glorja, għal dejjem ta' dejjem"*. L-*"Ammen"* finali (tissejjaħ l-Ammen il-kbira) hi t-tifħir li aħna nagħtu lit-Trinità Qaddisa. Din l-Ammen il-kbira hi bħal

konferma tat-talbiet kollha li jsiru fil-Quddiesa u tfisser ukoll l-approvazzjoni u s-sehem tagħna lkoll bħala ġemgħa li temmen fis-sagrifiċċju li jkun qed jiġi offrut lil Alla.

## 2. Indikazzjonijiet oħra għas-sehem interjuri u esterjuri tal-ġemgħa

*Ir-radd ta' ħajr.* Din hi Talba Ewkaristika, u allura talba ta' radd il-ħajr. Fil-Prefazju u tul il-bqija tat-talba jissemmew raġunijiet li għalihom aħna l-poplu ta' Alla għandna għalfejn nirringrazzjaw lill-Missier. It-talb ta' ringrazzjament jitlob li aħna nagħrfu l-benefiċċji li Alla jagħmel magħna, nirrikonoxxuhom, u nimtlew bil-ferħ u l-gratitudni.

*L-għotja ta' Kristu.* Ir-rakkont tal-Aħħar Ċena jfakkar lill-Missier li Kristu ta Ġismu u xerred Demmu "għalina" l-bnedmin. Din l-għotja ta' Ġesù għalina l-bnedmin hi l-ikbar grazzja li qatt irċevejna, u tibqa' timliena bl-istagħġib u l-ferħ.

*L-opra tal-Ispirtu s-Santu.* Il-qalba tat-Talba Ewkaristika hija l-opra tal-Ispirtu s-Santu. Huwa l-Ispirtu li jibdel il-ħobż fil-Ġisem ta' Ġesù u l-inbid fid-Demm tiegħu. Jibdel ukoll lil dawk li jirċievu l-Ġisem u d-Demm fit-Tqarbin, u jagħmilna ħaġa waħda ma' Kristu u bejnietna. Il-ħobż u l-inbid ma jagħmlu ebda reżistenza lill-opra tal-Ispirtu s-Santu; imma fina, li hu jrid jgħaqqadna f'ġisem wieħed, l-Ispirtu s-Santu jista' jaħdem skont kemm nippermettulu aħna.

*Il-ħarsa lil hinn.* Matul il-Konsagrazzjoni, is-saċerdot juri lill-poplu l-ostja u l-kalċi; dan ifisser li f'dak il-mument il-poplu hu mistieden iħares lejhom. Lil hinn mill-forma tal-ħobż u l-inbid, aħna nilmħu l-Ġisem u d-Demm reali ta' Ġesù Rxoxt. Il-ħila li naraw lil hinn minn dak li jidher hi ħila proprja tan-Nisrani, li jara l-preżenza ta' Kristu wkoll fil-fqir u fl-istorja ta' ħajtu u ta' ħajjet l-oħrajn.

## 3. Rabta mal-Liturġija tal-Kelma

*Kristu glorjuż meta mogħti.* Fil-Vanġelu, Ġesù jgħid li issa li Ġuda se jagħtih f'idejn dawk li se jsallbuh, hu se juri l-glorja tiegħu, jiġifieri se juri min hu Alla. Il-glorja tiegħu hi l-imħabba, u din l-istess glorja, bis-saħħa tal-għaqda miegħu, tista' tkun ukoll il-glorja tad-dixxipli kollha: *"Bħalma ħabbejtkom jien, hekk ukoll ħobbu intom lil xulxin. Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jiġifieri, jekk ikollkom l-imħabba bejnietkom"* (Ġw 13:34-35).

Mill-ġrajjiet tal-Aħħar Ċena ta' Ġesù aħna nafu li l-ħobż u l-inbid, jew aħjar il-Ġisem u d-Demm tiegħu, ġew mogħtija f'idejn il-ħbieb tiegħu li ma kinux fidili lejh. Ġuda ttradieh, Pietru ċaħdu u l-għaxra l-oħra, fil-mument tal-prova, ħarbu. Il-Ħobż u l-Inbid, il-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù, huma mogħtija lilna bi mħabba b'xejn, anki meta aħna bħall-Appostli m'aħniex fidili lejn il-Mulej Ġesù.

*Il-preżenza ta' Kristu.* Il-Konsagrazzjoni tal-ħobż u l-inbid iġġib preżenti fostna lil Kristu ħaj. Din il-preżenza kontinwa tiegħu fid-dinja hija s-*"sema ġdid u art ġdida"* (Apok 21:1),

"l-għamara ta' Alla mal-bnedmin". Għalkemm mal-ewwel daqqa t'għajn donnu madwarna naraw biss dgħufija, ħażen u kruha, imma fil-verità, fil-qalba tad-dinja hemm l-Ewkaristija.

**IS-SITT ĦADD TAL-GĦID**
25 ta' Mejju

**Qari:** Atti 15:1-2,22-29; Salm 67; Apok 21:10-14,22-23; Ġw 14:23-29

**Ir-Riti tat-Tqarbin**

*Jekk ma ssirx fl-omelija, issir qabel il-Missierna. In-nies jintalbu joqogħdu bilqiegħda.*

1. **Id-deskrizzjoni u t-tifsir tar-riti**

*"Iċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika hija l-Ikla tal-Għid tal-Mulej. Għalhekk il-fidili mħejjija tajjeb ikunilhom ta' ġid jekk, skont il-kmandament tal-Mulej, jersqu jirċievu l-Ġisem u d-Demm tiegħu b'ikel spiritwali tagħhom. Hu għalhekk li jsir il-Qsim tal-Ħobż u r-riti l-oħra tat-tħejjija li bihom il-fidili jitressqu għat-Tqarbin"* (IĠMR, n. 56).

i. **Il-Missierna**
Is-saċerdot jiftaħ idejh b'sens ta' abbandun f'idejn Alla u flimkien mal-ġemgħa jitlob kif għallimna l-Mulej. Nitolbuh jagħtina l-ħobż ta' kuljum – liema ħobż ifakkarna fl-Ewkaristija – u biex jaħfrilna dnubietna biex il-ħwejjeġ qaddisa nirċevuhom bil-qdusija. Fiha nsibu eżempju kif għandna ngħixu u nitolbu. Hawn il-ġemgħa tkun bilwieqfa.

ii. **Ir-Rit tal-Paċi**
Filwaqt li nagħtu sinjal ta' paċi, nitolbu lil Alla biex jagħti l-paċi u l-għaqda lill-Knisja u lill-bnedmin kollha, paċi ma' Alla u mal-proxxmu. Biex il-ġest tal-paċi jkun sinċier jeħtieġ li jkun imsieħeb mix-xewqa u l-impenn li naħdmu bis-serjetà għall-għaqda u l-paċi fost il-bnedmin. Il-paċi li nagħtu mhijiex tagħna, imma ta' Kristu Rxoxt.

iii. **Il-Qsim tal-Ħobż**
Dan il-ġest hu importanti, u juri li Ġesù sar ikel mogħti għalina. Is-saċerdot jieħu l-ostja u jaqsamha, u jixħet fil-kalċi biċċa żgħira filwaqt li l-ġemgħa tgħid: *"Ħaruf ta' Alla..."*. Il-Qsim tal-Ħobż ifakkarna wkoll li għalkemm aħna ħafna, insiru ġisem wieħed meta fit-Tqarbin naqsmu bejnietna l-Ħobża waħda tal-ħajja, li hi Kristu. Hawn il-ġemgħa, jew tibqa' bilwieqfa jew tinżel għarkupptejha.

iv. **L-istedina għall-ikla**
Is-saċerdot jieħu f'idejh l-ostja u jgħid lill-ġemgħa: *"Dan hu l-Ħaruf ta' Alla, dan hu li jneħħi d-dnubiet tad-dinja. Henjin dawk li huma mistiedna għall-ikla tal-Ħaruf"*. B'hekk jistieden lill-ġemgħa għal din il-mejda tal-Mulej. Is-saċerdot flimkien mal-ġemgħa nagħmlu lkoll att ta' fidi u umiltà u nirrepetu l-kliem taċ-

ċenturjun fil-Vanġelu (ara Lq 7:6): *"Mulej, ma jistħoqqlix li tidħol taħt is-saqaf tiegħi, iżda għid kelma waħda, u ruħi tkun imfejqa"*.

v. **It-Tqarbin**
Il-Knisja tixtieq li meta nieħdu sehem fil-Quddiesa aħna nitqarbnu possibbilment bl-ostji kkonsagrati fl-istess quddiesa, ħalli jidher is-sinjal li t-tqarbina hi sehem mill-istess Sagrifiċċju li qed jiġi ċċelebrat. Hekk aħna lkoll li nieħdu sehemna mill-altar u nitqarbnu bil-Ġisem u d-Demm Imqaddes, nimtlew b'kull barka u grazzja tas-Sema. Meta t-tqarbin isir fuq l-idejn, tajjeb li, kif jgħid San Irinew, nagħmlu minn idejna tron għal Kristu b'forma ta' salib. Imbagħad, meta nieħdu l-ostja f'idejna, nersqu fil-ġenb u waqt li nħarsu lejn l-altar, nieħdu u nieklu mill-Ħobż tal-ħajja.

vi. **Is-skiet wara t-Tqarbin**
Wara t-Tqarbin ikun jixraq li nżommu ftit ħin tas-skiet u ġabra biex nirringrazzjaw lil Ġesù tad-don kbir tiegħu nnifsu lilna, u nitolbuh biex jgħinna nwettqu r-rieda tiegħu. Hekk nagħmlu r-ringrazzjament u t-talbiet personali tagħna. Xieraq li f'dan il-mument għażiż, min jiflaħ, joqgħod għarkupptejh.

vii. **It-Talba ta' wara t-Tqarbin**
Wara l-mument ta' radd il-ħajr il-ġemgħa tqum bilwieqfa filwaqt li s-saċerdot jgħid: *"Nitolbu"*. F'dan il-ħin, is-saċerdot jitlob lil Alla biex ixerred fuqna u fuq id-dinja kollha l-ġid tal-Misteru li għadu kif ġie ċċelebrat.

### 2. Indikazzjonijiet oħra għas-sehem interjuri u esterjuri tal-ġemgħa

*L-għaqda ma' xulxin...* Kif jiġi mitlub fit-Talba Ewkaristika, it-Tqarbin imqaddes għandu l-għan li jagħmel minn dawk li jirċevuh Ġisem wieħed. Ir-riti kollha tat-Tqarbin iħejju u jesprimu din l-għaqda: fit-Talba tal-Mulej, jiġifieri l-Missierna, nistqarru li aħna wlied l-istess Missier, u allura aħwa; fil-paċi nuru l-fehma tagħna li nkunu marbutin flimkien; il-Qsim tal-Ħobż ifakkarna li aħna se nieklu kollha mill-istess ikel spiritwali.

*...permezz tal-għaqda ma' Kristu.* Imma dan kollu jseħħ mhux billi noqorbu lejn xulxin, imma billi noqorbu lejn Kristu. Huwa fih li aħna aħwa, hija l-paċi li nirċievu mingħandu li aħna mbagħad nagħtu lil xulxin, huwa billi nsiru ħaġa waħda miegħu fit-Tqarbin li aħna ningħaqdu flimkien.

### 3. Rabta mal-Liturġija tal-Kelma

*Alla li jgħammar fina.* Fil-Vanġelu, Ġesù jgħid li min iħares kelmtu u jħobbu, isir għamara ta' Alla. Dan jiġri fit-Tqarbin u permezz tat-Tqarbin, fil-ħajja kollha tan-Nisrani. Fit-Tieni Qari, din l-għamara hi murija fil-Belt il-Qaddisa li t-tempju tagħha hu l-Mulej.

*L-għoti tas-sliem*. Fil-Vanġelu tinstema' wkoll il-wegħda ta' Ġesù li se jħalli fostna s-sliem tiegħu, li hu differenti mis-sliem tad-dinja. Tul ir-riti tat-Tqarbin, aħna nfakkruh f'dak li wegħidna, u nitolbuh jagħti sliem lill-Knisja tiegħu, jiġifieri lilna.

*L-għaqda tal-Insara*. L-Ewwel Qari jirrakkonta kif l-ewwel Insara, imnebbħin mill-Ispirtu s-Santu, sabu l-mod kif id-dixxipli kollha ta' Kristu jingħaqdu bejniethom u jsalvaw. Dak li għandu jkun komuni bejniethom mhux il-fatt li joqogħdu għaċ-ċirkonċiżjoni, imma l-fatt li jieklu biss mis-sagrifiċċju tal-altar (u mhux mill-ikel issagrifikat lill-idoli).

**IT-TLUGĦ TAL-MULEJ FIS-SEMA**
1 ta' Ġunju

**Qari:** Atti 1:1-11; Salm 47; Lhud 9:24-28; 10:19-23; Lq 24:46-53

## Ir-Riti tal-Għeluq

*Jekk ma ssirx fl-omelija, issir wara t-Talba ta' wara t-Tqarbin. In-nies jintalbu joqogħdu bilqiegħda.*

### 1. Id-deskrizzjoni u t-tifsir tar-riti

**i. Il-Barka**

Il-barka li s-saċerdot jitlob fuq dawk li jieħdu sehem fil-Quddiesa hi s-sinjal li l-Mulej jibqa' dejjem magħna li nemmnu sabiex inkunu xhieda fid-dinja. Kull Nisrani hu "Kristoforu", jiġifieri jġorr lil Kristu. Waqt li jagħti l-barka, is-saċerdot waħdu jgħid il-kliem waqt li jrodd is-salib. Il-ġemgħa, min-naħa tagħha, tagħmel is-sinjal tas-salib u, mingħajr ma tgħid il-kliem mas-saċerdot, twieġeb: *"Ammen"*. Dan minħabba li l-barka hi mogħtija mis-saċerdot f'isem Ġesù.

**ii. It-Tislima tal-aħħar (liċenzjament) – l-istedina biex immorru**

It-tislima *"Morru fil-paċi ta' Kristu"* fl-aħħar tal-Quddiesa tfakkar li, għad li l-Quddiesa spiċċat, għan-Nisrani ta' veru tibda ċelebrazzjoni oħra fit-toroq tal-ħajja billi nkunu xhud ta' Kristu Rxoxt bil-kelma u bl-eżempju. Fil-fatt, mill-kelma *"Missa"* bil-Latin ġejja l-kelma *"Missio"* li tfisser li issa bdiet il-missjoni tagħna. Il-kant tal-aħħar hu sinjal li aħna pellegrini mexjin lejn is-Sema pajjiżna.

### 2. Indikazzjonijiet oħra għas-sehem interjuri u esterjuri tal-ġemgħa

*L-għajn tal-ħajja Nisranija.* Fil-Quddiesa nirċievu doni kbar, imma dawn għandhom l-għan li jgħinuna ngħixu l-ħajja u l-missjoni Nisranija tagħna fil-ħajja ta' kuljum. Il-Quddiesa mhix skop fiha nfisha, imma hija vjatku li trid twassalna, mit-toroq differenti ta' ħajjitna, lejn l-Ikla tassew fis-Saltna tas-Sema. L-istedina biex *"immorru"* allura hija stedina biex ngħixu dak li rċevejna u nikkollaboraw miegħu biex jagħmel il-frott fina u fl-oħrajn.

*L-avviżi tal-komunità.* Peress li din l-aħħar parti taċ-ċelebrazzjoni tiftaħ il-bieb għall-bqija tal-ħajja Nisranija, f'dan il-mument isiru xi avviżi dwar kif dik il-komunità partikulari se tkompli tgħix dak li rċeviet.

*Il-ġemgħa li xxolji (tiġi mibgħuta).* It-Tqarbin jagħmilna tassew Ġisem wieħed bejnietna; imma l-ħajja ta' kuljum titlobna biex ilkoll inkunu f'postijiet differenti. Fi tmiem il-

Quddiesa jixraq li wieħed isellem lill-ieħor, mhux tant b'kortesija, imma bħala aħwa u kollaboraturi fl-istess għalqa tal-Knisja.

### 3. Rabta mal-Liturġija tal-Kelma

*Ix-xhieda fid-dinja*. Fil-Vanġelu smajna kif Ġesù, qabel ma tela' s-Sema, *"refa' jdejh fuq id-dixxipli tiegħu u berikhom"*. Fit-tmiem tal-Quddiesa, is-saċerdot jirrepeti dan il-ġest ta' Ġesù. Bħad-dixxipli, wara li ċċelebrajna l-Ewkaristija, mimlijin bl-Ispirtu s-Santu aħna wkoll mibgħutin biex inkunu xhud ta' Ġesù fid-dinja. Fit-Tlugħ tiegħu fis-Sema, Ġesù jibgħat lill-Appostli biex ixandru f'ismu l-maħfra tad-dnubiet fit-trufijiet kollha tad-dinja. Dan jista' jseħħ biss *"bil-qawwa ta' Alla"*, li l-Appostli jmorru jistennew f'Ġerusalemm. Din il-qawwa tiġi mġedda fina kull darba li aħna nieħdu sehem fil-Quddiesa, biex wara nkomplu l-ħidma tagħna bħala parti mill-missjoni ta' Kristu.